V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-każ M.9420 — Crédit Agricole/Banco Santander/Santander Securities Services)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 306/02)

1. Fit-2 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Santander Investment, S.A. ("Santander Investment", Spanja), ikkontrollata mill-Banco Santander, S.A. ("Santander", Spanja);

— CACEIS S.A. ("CACEIS", Franza), ikkontrollata mill-Crédit Agricole S.A.;

— Santander Securities Services, S.A.U. ("S3 Spain", Spanja), ikkontrollata minn Santander Investment; kif ukoll

— S3 Latam Holdco 1 (Spanja), kumpanija maħluqa ġdida, li se tikkonsisti f'negozji Bażiljani, Messikani u Kolombjani li bħalissa huma proprjetà ta' S3 Spain.

Il-konċentrazzjoni proposta tinvolvi (*i*) l-akkwiżizzjoni tal-kontroll waħdani minn CACEIS ta' S3 Spain fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, u (*ii*) l-akkwiżizzjoni tal-kontroll konġunt minn CACEIS u Santander Investment ta' S3 Latam Holdco 1 fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— CACEIS: tipprovdi servizzjar tal-assi lil klijenti korporattivi, investituri istituzzjonali, banek u sensara;

— Santander Investment: twettaq kull tip ta' attivitajiet, operazzjonijiet u servizzi inerenti għan-negozju bankarju b'mod ġenerali u / jew relatat għalih; l-akkwiżizzjoni, iż-żamma, it-tgawdija, l-amministrazzjoni u d-disponiment ta' titoli trasferibbli, ishma jew parteċipazzjoni f'kumpaniji Spanjoli u barranin; u l-forniment ta' servizzi ta' investiment u, fejn xieraq, attivitajiet kumplimentari kif ġej;

— S3 Spain u S3 Latam Holdco 1: jipprovdu servizzi ta' wara l-bejgħ, bħala depożitarji, kustodji, amministrazzjoni tal-fondi u servizzi ta' servizzjar tat-titoli għall-investituri istituzzjonali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9420 — Crédit Agricole/Banco Santander/Santander Securities Services

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË